# Kelma tal-Ħajja

DIĊEMBRU 2024
ĦARĠA 12

moviment tal-fokolari

www.focolaremalta.org

## "Għal Alla ma hemm xejn li ma jistax isir" (*Lq* 1, 37).

Dan il-kliem insibuh fir-rakkont ta' meta l-Arkanġlu Gabriel ħabbar lil Marija ta' Nazaret bil-pjan li Alla kellu għaliha: hi kellha tnissel iben, twelldu u ssemmieh Ġesù, "Hu jkun kbir, u jkun jissejjaħ Bin il-Għoli"[1]. Twelid tal-għaġeb insibuh fi ġrajjiet oħra tat-Testment il-Qadim, fejn nisa li ma setax ikollhom tfal jew li kienu kibru fl-età, kienu jwelldu trabi li mbagħad kien se jkollhom post importanti fl-istorja tal-fidwa. Għalkemm Marija kienet lesta li twettaq b'mod sħiħ il-missjoni li ssir omm il-Messija, imma hi staqsiet lill-anġlu kif seta' jseħħ dan, ladarba kienet verġni. Gabriel serrħilha rasha u qalilha li dan ma kienx se jseħħ permezz ta' bniedem: "L-Ispirtu s-Santu jiġi fuqek, u l-qawwa tal-Għoli tixħet id-dell tagħha fuqek"[2]. Imbagħad qalilha: "għax għal Alla ma hemm xejn li ma jistax isir"[3].

**"Għal Alla ma hemm xejn li ma jistax isir".**

Dan il-kliem li jagħti serħan il-moħħ, ifisser li m'hemm ebda wegħda u stqarrija t'Alla li tibqa' ma sseħħx, għax għalih ma hemm xejn li ma jistax isir. Nistgħu wkoll ngħiduh bi kliem ieħor: flimkien ma' Alla ma hemm xejn li ma jistax isir. Fil-fatt, il-kliem Grieg "ma'", jew qrib jew flimkien ma' Alla, juri kemm Alla jinsab qrib tagħna l-bnedmin. Dawn, meta jaħdmu ma' Alla jew ikunu jaqblu miegħu f'kollox, ma jkun hemm xejn li ma jistax isir.

**"Għal Alla ma hemm xejn li ma jistax isir".**

Kif se ngħixuha din il-Kelma tal-ħajja? Qabelxejn irid ikollna fiduċja sħiħa f'Alla u nemmnu li hu jista' jwettaq affarijiet anki fejn ikun hemm il-limiti u d-dgħufija tagħna, kif ukoll fis-sitwazzjonijiet l-aktar mudlama tal-ħajja.

Din kienet l-esperjenza ta' Dietrich Bonhoeffer, li safa priġunier u wara ħalla ħajtu f'kamp ta' konċentrament. Hu kiteb hekk: "Jekk irridu nagħrfu dak li Alla jwiegħed jew iwettaq, irridu dejjem nerġgħu ninżlu aktar fil-fond fil-ħajja, fil-kliem, fit-tbatijiet u l-mewt ta' Ġesù. Aħna ċerti (...) li xejn aktar ma jkun impossibbli għalina, għax għal Alla ma hemm xejn li ma jistax isir. (...) żgur li aħna m'għandna nippretendu xejn imma madankollu nistgħu nitolbu kollox; żgur li fit-tbatija hemm moħbi l-ferħ tagħna u f'mewtna hemm moħbija l-ħajja kollha tagħna (...). Għal dan kollu, Alla qal "iva" u "Ammen" fi Kristu. Din l-"iva" u dan l-"Ammen" huma l-pedament b'saħħtu li fuqu ngħixu"[4].

**"Għal Alla ma hemm xejn li ma jistax isir".**

Meta niġu biex negħlbu dak li jidher "impossibbli" minħabba n-nuqqas ta' ħila tagħna, u biex nistinkaw ħalli

naslu għal dak li hu "possibbli", il-ħajja fil-komunità għandha rwol deċiżiv. Fil-komunità nistgħu nsibu għajnuna kbira biex nippruvaw negħlbu dak li verament jidher "impossibbli" minħabba n-nuqqas ta' ħila tagħna, biex naslu għal dak li hu "possibbli" f'ħajja retta mgħixa sew. Il-komunità tikber fejn id-dixxipli jgħixu l-kmandament il-ġdid ta' Ġesù u jħallu l-qawwa ta' Kristu Rxoxt tgħix fihom u fosthom. Fl-1948 Chiara Lubich kitbet hekk lil grupp ta' reliġjużi żgħażagħ: "Irridu nibqgħu dejjem mixjin 'il quddiem! Mhux bil-forza miskina u dgħajfa tagħna, imma bil-qawwa tal-għaqda ta' bejnietna li tista' kollox. Indunajt u missejt b'idejja li Alla fostna jwettaq dak li hu impossibbli: jagħmel il-mirakli! Jekk aħna nibqgħu fidili għas-sejħa li għamlilna [...], imbagħad id-dinja tara l-unità u magħha l-milja tas-Saltna ta' Alla"[5].

Xi snin ilu, meta kont fl-Afrika, sikwit kont niltaqa' ma' żgħażagħ li kienu jridu jgħixu ta' Nsara. Kienu jgħiduli bid-diffikultajiet li kienu jiltaqgħu magħhom kuljum fil-post fejn jgħixu, biex ħajjithom tkun taqbel mal-fidi u skont it-tagħlim tal-Vanġelu. Konna ndumu nitkellmu għal sigħat sħaħ, u fl-aħħar konna dejjem naslu għall-istess konklużjoni: "Waħedna nħossuha iebsa, imma flimkien jirnexxielna". Ġesù stess iwegħidna li "Fejn tnejn jew tlieta jkunu miġbura f'ismi (fl-imħabba tiegħi), hemm inkun jien f'nofshom"[6]. U miegħU kollox jista' jseħħ.

Augusto Parody Reyes u t-tim tal-Kelma tal-Ħajja

**1: *Lq* 1, 32.**

**2: *Ibid*, 35.**

**3: *Ibid*, 37.**

**4: Bonhoeffer, *Resistenza e resa*, edizzjoni San Paolo, Cinisello Balsamo 1988, pġ. 474. Dietrich Bonhoeffer (1906-1945) kien teologu u qassis Luteran Ġermaniż, li kien fost dawk li ħaduha kontra n-Nażiżmu.**

**5: C. Lubich, *Lettere dei primi tempi*. Città Nuova, Ruma 2010, pġ. 164.**

**6: Ara *Mt* 18, 20.**

# MILIED '24
# OPEN HOUSE

**20.12.2024 fis-6:30pm, il-Fokolare**


**ĊENTRU TAL-MOVIMENT TAL-FOKOLARI**
18, 'Stellaelise',
Triq il-Ħuttaf,
Kappara
T. 21 385 801
E. focolare.malta@outlook.com

**www.focolaremalta.org**